IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 7 t' April, 2025

Rikors numru: BCT/11/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Engelberd Dimech

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' email datata 21 ta' Jannar, 2025 ta' Mark Anthony Vella ghall-appellanti u dana mid-decizjoni datata 20 ta' Jannar, 2025 permezz ta' liema l-Awtorita` intimata imponiet fuq l-appellanti il-multa amministrattiva ta' hames mitt euro (€500) u dana peress illi fid-19 ta' Jannar, 2025 instabu xtiebi mhux msakkra meta m'hemm hadd fis-sit. Permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi li filwaqt li "*we...can confirm that the door was open, however, this is always closed by a bar (stanga) from the inside so it would be impossible to open from outside as the bar would push against the steps*" u li "*the site can still be accessed discretely from the fields at the back ... or intruding from neighbouirng properties*"

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi hekk kif jidher mill-annessi ritratti immarkati bhala Dok A, thalla access ghas-sit ta' kostruzzjoni, liema allura rrizulta li s-sit ma kienx sigur;*
3. *Illi qieghed jkun anness u mmarkat bhala Dok B Trail of Event.*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda ta' Cedric Zammit, ufficjal tal-Awtorita` waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu, 2025.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal u d-dokumentazzjoni kollha ezebita.

Ra l-verbal tas-seduta datata 26 ta' Marzu, 2025 fejn gie nutat li dik kienet it-tielet seduta li fiha l-appellanti ma dehrux u lanqas ma prezentaw provi u fejn l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi dan l-appell jikkoncerna penali amministrattiva ta' hames mitt euro (€500) li giet imposta mill-Awtorita`appellata fuq l-appellanti in vista ta'allegat ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08, konsistenti minn xtiebi inadegwati u/jew li ma jimblukkawx l-access ghall-pubbliku inkluz tfal, dana referibilment ghad-data tad-19 ta' Jannar 2025 dana kif indikat fid-decizjoni li ggib l-istess data.

Illi t-Tribunal ra li l-penali giet imposta abbazi tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 u ghalkemm ma giex indikat xi dispost partikulari salv ghall-indikazzjoni generika ta' 'Xtiebi

mhux msakkra meta m'hemm hadd fis-sit' jidher li r-regolament releventi huwa dak numerat 69(c) tat-Tieni Skeda li jipprovdi testwalment:

> *ftuħ għal aċċess fil-barrikati għandhom jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet u magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit, u għandhom jibqgħu jinżammu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon tal-Awtorità. Dawn ix-xatbiet għandhom ikunu ddiżinjati b'mod li jipprevjenu l-aċċess pubbliku, speċjalment għat-tfal.*

Illi l-appell odjern huwa essenzjalment bazat fuq zewg kawzali ossija (i) li ghalkemm "*the door was open, however, this is always closed by a bar (stanga) from the inside so it would be impossible to open from outside as the bar would push against the steps*" u (ii) is-sit xorta wahda jista' jigi accessat minn ghelieqi fuq wara jew minn fondi adjecenti.

It-Tribunal jinnota li f'dan il-kaz xehed biss l-ufficjal tal-Awtorita` li kkonferma t-Trail of events ezebita minnu u wkoll li, fid-19 ta' Jannar, 2025, ghalkemm ghamel madwar tlett kwarti fuq il-post, dan baqa' dejjem miftuh minghajr hadd ma kien fih tant illi hu seta' jidhol u jiehu ritratti. Ghalkemm l-appellanti inghataw l-opportunita` kollha li jressqu l-provi taghhom u dana kemm fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2025 u dik tas-26 ta' Marzu, 2025, l-appellanti ghazlu li ma jattedu ghal ebda wahda mis-seduti li saru.

It-Tribunal isib li l-fatt wahdu li l-ufficjal tal-Awtorita` seta' jidhol fis-sit, kif fil-fatt ghamel, u jiehu r-ritratti gewwa, kif ezebit, igiddeb dak sottomess – u qatt pruvat - mill-appellanti li ghalkemm il-bieb miftuh, kien hemm stanga li timpedi l-access. It-Tribunal fela r-ritratti ezebiti minn fejn jirrizulta car li s-sit thalla miftuh berah f'hin li fih kjarament ma kienx hemm nies fuq is-sit. L-iskuza li l-access seta' jsir minghand terzi lanqas ma tista' tregi ghaliex l-applikant iwiegeb ghar-responsabilta` tieghu mis-sit tieghu u s-sigurta` mehtiega minnu u mhux minn terzi persuni fir-rigward ta' proprjetajiet ohrajn.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-appell datat 21 ta' Jannar, 2025 u kwindi jikkonferma d-decizjoni appellata datata 20 ta' Jannar, 2025.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru